QLUB MARBUTA BL-IMHABBA

Peter kien daqsxejn ta' guvnott sabih, xgharu iswed nnukklat, u ta' karattru ferriehi u cajtier, bla ma c-cajt tieghu joffendi lil hadd. Hekk kien jiddeskrivuh shabu ma' min jistaqsi ghalih. Kien jattendi l-ahhar klassi tas-sekondarja qabel ma jidhol il-Junior College. Billi ma xtaqx jidhol l-Universita’ sab post ta’ Junior Clerk ma’ Ditta li timporta l-ikel ghas-suq lokali. Fis-sekondarja dahal ghall-kors tad-drama u minn hemm hareg attur ta' hila. Billi kien membru ta' l-ghaqda tad-drama fir-rahal tieghu spiss kien jahdem f'xi dramm u meta l-dramm kien ikun komiku d-dirigenti ta' l-ghaqda kien joffrulu biex jaghmel il-parti hu. Hadd hliefu ma kien jaqlahha bis-sahha tal-karattru cajtier li kellu.

Jum wiehed nizel isfel hdejn ommu u b'lehen li kien juri nuqqas ta' pacenzja qal lil ommu, "Dejjem tidhol fil-kamra tieghi u warajk insib taqlib shih fuq l-iskrivanija tieghi. Kelli xi karti tal-parti li ser nahdem fil-farsa x-xahar id-diehel u ma sibthomx Fejn poggejthomli?"

"Kollox gbartlek flimkien. Ma rmejtlek xejn. Imxi mieghi u nurik fejn poggejtlek kollox," qaltu ommu. "U ma jistax ikun li thalli kamartek f'dak l-istat. Sodda mqallba, hwejgek mitluq fuq il-pultruna,

pappoc wahda 'l hawn u l-ohra 'l hemm u fuq kollox skrivanija qisha vapur tal-merkanzija f'bahar imqalleb. Jiena rrid li dari tkun dejjem pulita u ordnata, fhimtni?" kompliet tghidlu ommu waqt li kienu telghin it-tarag ghall-kamra tieghu. Fethet il-kexxun ta' l-iskrivanija u wrietu fejn poggietlu l-karti kollha li kienu mitluqa bla ebda ordni fil-kamra tieghu.

"Deo gratias," ghajjat Peter. "Ara ma ghandek ragun tassew biex tbigh. Minn ghada 'l quddiem nibda inzomm aktar ordni fil-kamra. Pero' tqallibli xejn aktar minn fuq l-iskrivanija ghax tgerfixni."

Peter zamm kelmtu u ommu qatt ma kellha ghalhiex tidhol hlief biex tahsel l-art.

Veronika kienet fis-sala parrokkjali quddiem GanMari li kien jirtokkjaha biex tirraprezenta lill-karattru tal- Veronika fil-purcissjoni tal-Gimgha l-Kbira. Nghiduha kif inhi Veronika ma kelliex bzonn ta' irtokk ghax kienet tfajla simpatika fid-dehra u helwa f'imgibitha ma' shabha tac-Centru taz-Zaghzagh fejn Peter kie ukoll membru. Meta lestiet marret fis-saristija ma' l-ohrajn. "Issa jmiss l-appostli. Mhux kollha f'daqqa. Par idejn ghandi," ghajjat GanMari. "L-ewwel nibda b'Pietru." Peter

resaq lejh u bil-pacenzja kollha rtokkah b'tant sengha li minn zaghzugh gabu jidher ragel ta' mezz eta'" Meta lesta hareg fis-sagristija u mar hdejn Veronika.

"Tassew gabek sabieha, Veronika," qalilha Peter. "Il-parti tieghek ta' Veronika tixraq lil ismek. Kif nghidu bil-Latin biddlek f' *Matrona Romana*."

Hija wegbitu, " Inti wkoll tixraqlek ta' San Pietru. Gabek qisek San Pietru li naraw fil-kwadri tal-knejjes."

"Ara hemm il-fotografu, idur qalb il-partecipanti, tridni nghidlu biex johdilna ritratt flimkien? Jibqa tifkira."

"Iva."

U wara diversi istruzzjonijiet ghal l-ahjar poza, gibidulhom. "Nhar l-Erbgha tistghu tghaddu ghalih fil-hanut tieghi," qalilhom.

F'Sibt il-Ghid Father John inqeda b'xi zaghzagh biex jaghti figolla lil benefatturi tac-Centru. "Kull qalb trid ohra," qal liz-zaghzagh li kienu ser iqassmu l-figolli. Iz-zaghzagh kienu jhobbuh daqs li kienu jhobbu z-zaghzagh lil Don Bosco. Wara l-funzjoni ta' bil-lejl, Father John laqqa' z-zaghzagh biex itihom figolla kull wiehed ukoll.

"Nistennewk hawn biex ma titlax id-dar wahdek ," qalulha l-genituri taghha.

"Ma hemm bzonn ghax Peter qalli li ser iwassalni hu," serhitilhom mohhom binthom. Lil Peter kienu jafuh. Veronika poggietha f'basket li kienet gabet ghal ta' l-apposta u meta rat li Peter kien ser izommha f'idu harget basket iehor u offritulhu. U meta kulhadd hadu bicca kejk u tazza xorb, xtaqu l-Ghid it-Tajjeb lil xulxin, erhewlha lejn id-dar.



Fegg Hadd il-Ghid u z-zaghzagh tac-Centru ltaqghu fil-pjazza biex jilqghu l-Irxoxt u jkomplu mall-briju.

Meta waqfet il-banda u setghu jinftehmu f'dak li kienu qed jghidu, Veronika daret lejn Peter u qaltu, " Mistghabin kemm sthajt nhar il-Gimgha fil-purcissjoni!"

"U ghaliex tahseb hekk? staqsa Peter.

"Ghaliex kullhadd hares lejk meta s-serduq li kellu dak it-tifel idden." Ghax kien serduq haj go gagga.

Kulhadd dahaq u Peter carrat halqu bit-tbissima.

"Dak jisthi!" intervejna Kevin. "Anqas staha fuq il-palk meta flok il-parti tieghu, irrepeta l-kliem ta' l-attur l-iehor u fixklu, ser jisthi ghax idden is-serduq." Meta l-banda regghet bdiet idoqq marc iehor u kullhadd kien allegru, Peter resaq lejn Veronika u qalilha, "Taccetta li l-lejla tigi mieghi naraw il-festa ta' l-Irxoxt Hal Qormi jew il-Mosta?"

"Ghaliex le? Iva. Ghidli l-hin u ssibni nistennik wara l-bieb."

Dik ir-risposta hekk malajr qatt ma kien jistenniha. Bi twegiba bhal dik ra kemm kien iblah li ma qalilhiex qabel. Kevin kien qallu li ahjar jghidilha kmieni u ma jhallix zmien jghaddi ghax seta' xi hadd jidhol qablu fil-ghalqa ta' l-imhabba, imbaghad ikun tard wisq. Issa li kellu risposta posittiva, nehha certa ghoqla minn fuq l-istonku.

"Ghal 5.00pm tajjeb,"

"Iva" u komplew jiddevertu fic-celebrazzjonijiet ta' l-Irxoxt.

"Veronika jekk trid immorru x'imkien iehor ghazel inti," qalilha Peter.

"Le, le. Tajjeb immoru l-Mosta."

Ic-celebrazzjoni tal-festa ghogbuhom kemm lil Peter kif ukoll lil Veronika. Wara li harget il-purcissjoni dahlu l-kazin biex jiehdu xi haga.

Wara, billi kien sar il-hin Veronika ribket il-karozza ta' Peter u t-tnejn erhewlha lejn id-dar. Fit-triq tkellmu fuq ic-celebrazzjonijiet li Father John kien ser jaghmel f'gheluq il-25 sena mit-twaqqif tac-Centru..

"Kull xahar ser jaghmel attivita'. Bhal dan iz-zmien sena jibda' u ser jibda' b'tieghi. Il-gimgha li ghaddiet dahhaltu d-dar biex jara l-wirja tal-vari tieghi, wirja privata mhux miftuha ghall-pubbliku u tant ghogbitu li qalli li ser jiftah l-attivitajiet bil-wirja tieghi. Urejtu li bzjat, nahsibha, li ma jmurx xi hadd ikissirili xi wahda, ghedtlu taf inti li n-nies ma ghandhomx prudenza, izda weghedni li ser ikun hemm ghassa stretta tul dawk il-jiem."

"Tinkwieta xejn Peter jien inkun hemm b'ghajnejn ta' seqer."

"Grazzi bil-quddiem Veronika," qalilha Peter. Wahda ohra mic-celebrazzjonijiet ser tkun pasta night ghalina l-membri b'xi whud mill-genituri isajrulna. Diga kkuntatjhom."

"Xieraq mhux hekk. Wara kollox ahna l-mistednin," wegbitu Veronika. "Lili qalli wkoll li ser jaghmel esebizzjoni tal-hiliet tal-membri, xoghlijiet li jahdmu bhala passatemp. Jien ser nesebixxi t-tappizerija ta' l-Ahhar Cena. It-tapizzerija tghogbni wisq. U tlett kwadri tal-pittura li hdimt jiena."

"Barra li ser jaghmel mixja fil-kampanja miftuha ghaz-zaghzagh kollha tal-parrocca biex forsi jattira ohrajn ghal maghna; u ghall-Milied ser jorganizza vizti lil dar ta' l-anzjani u ohra ghat tfal fl-istitut. Ser jaqsamna f'zewg gruppi kull grupp jahdem biex jkollu finanzi ghal dawn iz-zjarat," qalilha Peter.

"Smajt xi haga minghand Stephanie. Hi ser taghzel id-djar tax-xjuh, imma jien l-istitut tat-tfal. Inhobbhom wisq it-tfal l-aktar dawk sfortunati. Kull grupp jahdem ghalih."

"Mela lili zommli post ghal mieghek. Nahdmu pjan biex nakkumulaw finanzi bizzejjed ghalihom u

nferrhuhom. Naf x'ghandi naghmel, lotteriji, car wash u ghandi hsibijiet ohra f'mohhi li nistudjawhom flimkien," weghda Peter.

""Itemm kollox b'quddiesa ta' radd il-hajr, b'laqgha socjali ghalina z-zaghzagh u genituri taghhom, u benefatturi, l-aktar sid Peppin Garage. Dak tghidx kemm iwieznu flus ghax jara b'ghajnejh stess kemm gid qed jaghmel maz-zaghzagh," assiguratu Veronika.

"Issa naraw. Meta jasal zmienu niddiskutu u nitkellmu," qalilha Peter, filwaqt li waqqaf il-karozza biex Veronika tinzel u tidhol id-dar. Taha l-lejl it-tajjeb u ma telaqx qabel raha tidhol gewwa u ssakkar il-bieb.

Meta Peter kien mindud fuq is-sodda ddecieda li jistedinha biex is-Sibt ta' wara jmorru jieklu gewwa restaurant f'lukanda. Ma riedx jistenna. Ahjar mal-hagra t-tajn.

"Kemm gejt liebes pulit Peter, qisek gharus sejjer ghat-tieg," ikkumplimentatu Veronika.

"U inti xejn inqas minni, qisek gharusa sejra l-going away," ferhilha Peter.

Telqu ghal lukanda f'tas-Sliema u poggew bilqieghda wara li l-waiter uriehom il-post merfugh ghalihom.

Wara li kielu l-ewwel platt, Peter qalilha car u tond, " Veronika jiena qed nohrog mieghek mhux biex ikolli kumpannija, izda biex ghada pitghad, nizzewwgek u nrabbu familja. Xi tghidli?"



"Tkellimt wisq bil-ghaqal. Naccetta l-istedina tieghek u jalla jasal dak il-jum li inti tkun zewgi u jiena martek."

Meta qaltlu hekk dahhal idu fil-but tal-gakketta u hareg kaxxa. "Iftahha. Dik ghalik." U sabet gizirana bil-pendent il-gmiel taghha.

"Ser nilbisha issa stess. Ara halli nnehhi dik li ghandi u nilbes lilha. Ara li qfiltha tajjeb, Peter"

Il-ferh li hasset kien jidher f'wiccha. Komplew ic-cena taghhom filwaqt li tkellmu fuq il-futur taghhom.

"Ara Peter ser inghdilek xi haga li ili nzommha f'qalbi. Minn mindu rajtek fic-centru dejjem kelli grazzja mieghek u kemm-il darba irrifjutajt stedin ta' haddiehor ghalik. Daqshekk ridt li inti tkun tieghi."

"U jiena dejjem qaghadt lura ghax bzajt li tghidli le. U meta Kevin qalli biex ma noqghodx nittrateni ghax nista' nitilfek, ghamilt ftit kuragg u tghidx kemm hadt ir-ruh meta r-risposta tieghek kienet iva. Grazzi talli ghamiltni ferhan ukoll, ghax kif jghid l-ingliz *it takes two to tango*."

Meta waslet hdejn id-dar, talbitu biex ma jitlax ghax kellha xi haga ghalih. Tatu tomblu u qaltlu biex jifthu meta jasal id-dar. Taw bewsa lil xulxin u nfirdu, kullhadd mar ghar-rasu. Meta dahal f'kamartu, xeghel id-dawl kollu fetah ir-romblu u firex il-karta. Fuqha kien hemm tpingija ta' wiccu bil-lapes. Kien il-wicc nattiv tieghu. Dak il-hin stess qabad il-mobile u cemplilha. Wrieha kemm ferh bih, weghda li ser jaghmlu fi frame u ferhilha tal-kapacita taghha li tpingi b'tant ezattezza. "Mela ghalhekk f'Hadd il-

Ghid gewwa l-Mosta ridt dak is-selfie u ma kontx kuntenta qabel gie kif ridt inti."

"Qtajt, ezatt."

"Dan il-hin stess wrejtu lil missieri u lil ommi u ma nghidlix kemm il-prosit tawk tax-xoghol ezatt tieghek."

"Ma nzommikx. Il-lejl it-tajjeb Veronika"

"U lilek ukoll Peter, Niltaqghu ghada jekk il-Bambin irid."

Iz-zmien jghaddi u mieghu waslu c-celebrazzjonijiet tac-Centru. Tista' tghid kienu success, zdiedu l-membri fic-Centru, u kulhadd ha gost. Imma l-aktar li hadu gost kien fl-attivita' tal-Milied. Minn hafna qabel iz-zewg gruppi kienu jhabirku biex jigbru fondi halli jferrhu lit-tfal u lil anzjani. Veronika, flimkien ma' Peter taghha organizzaw attivitajiet u tellghu ammont mhux hazin. Imma l-aktar li qalaghhom kien il-bejgh ta' kwadri ta' pittura li Veronika hadmet. Issa kellhom flus bizzejjed biex il-grupp taghhom jixtri gugarelli, u helu ghat-tfal ta' l-istitut, sahansitra gabulhom anke magician.

Il-grupp kollu ta' Veronika u Peter allegraw it-tfal u t-tfal komplew maghhom. Qatt daqs dak in-nhar ma hadu pjacir u aktar hadu pjacir il-grupp ghax offrew

dak li kellhom. Imma Veronika nnutat li tifla jisimha Jane, ta' seba' snin kienet ma kienitx tippartecipa bhal l-ohrajn. Avvicinatha u tkellmet maghha u mit-tahdita bejnithom Veronika fehmet li t-tifla hija imdejqa ghaliex missierha kien mejjet u ommha kienet marida u riedet zmien twil biex tfieq.

Kellmu lis-soru biex jaraw ghaliex it-tifla kienet imdejqa u qaltilhom li ahna nghidulha li ommha ser iddum ma tfieq; "Ma nghidulhiex ghaliex. Ghaddejja bi programm ta' kura kontra d-droga f'San Blas." Kienet imdejqa ghax xtaqet li tghaddi l-Milied ma' familja u tifrah maghhom. Veronika kellmet lil Peter u dan accetta li t-tifla tmur ghandhom ghal l-ikla tal-Milied u ghat te ghand il-familja ta' Peter. Is-soru laqghet it-talba taghhom u tghidx kemm ferhet meta qalulha li ser jaqtghulha xewqitha.

U tassew ferhu dak in-nhar tal-Milied Jane u s-soru li tiehu hsiebha. U Veronika u Peter baqghu jzruha f'okkazjonijiet specjali u jistednuha fid-dar taghhom.

Iz-zmien qorob ghalihom ukoll biex jizzewgu. Il-hbieb kollha taghom gew biex jifirhu maghhom. Mal-genituri ta' l-gharus u l-gharusa kien hemm mistdiena specjali.....Jane, issa tfajla ta' ghaxar snin, u dak in-nhar biex tgawdi kollox kellha permess torqod ghand il-genituri ta' Veronika.



Fuq l-artal zewwighom Father John li fost affarijiet ohra nkoraggihom biex jibqghu jhobbu lil xulxin minkejja d-diffikutaljiet u problemi li maghhom ihabbtu wicchom; sahaq maghhom li Alla kellu jkun ic-centru ta' hajjithom. Awguralhom kull felicita'.

Wara l-mistednin marru jiffesteggjaw ma' l-gharajjes friski flimkien ma' Father John u l-hbieb tac-Centru.